MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 45/2021 LM

**Suhali Carolina Marval Pacheco (ID no. 0251618A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Suhali Carolina Marval Pacheco (ID no. 0251618A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tal-29 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'I quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddikjara null l-appell ippreżentat minnha fil-konfront tad-

**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati** [minn issa ’l quddiem ‘id-Direttur appellat’] għar-raġunijiet hemm imfissra, u astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw applikazzjoni għal ‘Permess Uniku bin-numru 236203/2020/NON-EU’ li kienet ressqet l-appellanta lid-Direttur appellat, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identity Malta permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Settembru, 2020 mibgħutha lill-*employer* prospettiv tal-appellanta (minn issa ’l quddiem ‘l-ittra ta’ rifjut’), għaliex ġie ritenut illi *“as when carrying out our due diligence process your application was not recommended for approval by Jobsplus in view of the present situation of the Maltese labour market and the guidance given by the Prime Minister whereas only new applications for highly skilled individuals and those working in the medical professions will be entertained”.*

3. L-appellanta tgħid illi rċeviet din l-ittra ta’ rifjut mingħand l-Aġenzija Identity Malta permezz tal-*employer* prospettiv tagħha, Krystyna Anne K Wlodarczy fil-5 ta’ Ottubru, 2021.

## Mertu

4. L-appellanta istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord permezz ta’ ittra datata 6 ta’ Ottubru, 2020 fejn iddikjarat li hija kienet qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta, fejn din ċaħdet l-applikazzjoni tagħha

sabiex jingħatalha 'Permess Uniku' bil-għan li hija tkun tista' taħdem hawn Malta. L-ittra tal-appellanta datata 6 ta' Ottubru, 2020 ġiet irreġistrata mis-Segretarju tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fl-14 ta' Ottubru, 2020

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord fid-deċiżjoni li ta fid-29 ta' Marzu, 2021, ċaħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observes that according to Article 25A(7) of the Immigration Act, appeals must be filed within three working days from the date on which the decision being appealed would have been issued. In the present case, the appeal was filed well outside the relative time limit. Furthermore, no reason for the late filing was provided*

*Therefore, the Board regrets that it must declare the appeal null and decline to take further cognizance.*

*3. <u>Decision</u>*

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal null and declines to take further cognizance thereof".*

**L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-11 ta' Mejju, 2021 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-aggravji tagħha u tordna lill-Bord sabiex jikkonsidra mill-ġdid it-talbiet tagħha. Tgħid li tħossha aggravata b'dik id-deċiżjoni għaliex (a) l-ittra ta' rifjut ġiet notifikata lill-appellanta fil-5 ta' Ottubru, 2020 u għalhekk l-appell quddiem il-Bord ġie effettivament intavolat fiż-żmien stipulat mil-liġi; (b) ir-regolament 15 tal-L.S. 217.17 jistipula li *"id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub"*, u l-applikanta, hawnhekk l-appellanta, ġiet notifikata fil-5 ta' Ottubru, 2020; (ċ) hija l-appellanta li għandha dritt tappella u mhux il-prinċipal tagħha; (d) ma ġiex ippruvat fuq bażi ta' probabbiltà li l-*employer* prospettiv tal-appellanta ġiet notifikata fil-11 ta' Settembru, 2020.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellat wieġeb fl-14 ta' Mejju, 2021, fejn qal illi bi żvista d-deċiżjoni appellata kienet aċċessibbli *online* fuq is-sistema tal-aġenzija mill-*employer* prospettiv biss, u għalhekk ikun ta' siewi li din il-Qorti tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jisma' l-appell imressaq mill-appellanta fil-mertu u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu bħala neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. In vista ta' dak li ġie dikjarat mill-appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, fejn ikkonferma li l-ittra ta' rifjut tal-Aġenzija Identity Malta ma kinitx aċċessibbli *online* mill-appellanta, u li għalhekk ikun ta' siewi li din il-Qorti tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jisma' l-appell imressaq mill-appellanta fil-mertu, il-Qorti tqis illi l-aggravji tal-appellanta huma mistħoqqa, u tilqagħhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta, tirrevoka d-deċiżjoni appellata fejn ġie ddikjarat li l-appell ġie intavolat wara ż-żmien preskritt mil-liġi, u tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-appell imressaq mill-appellanta fil-mertu, wara li l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu bħala neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom.**

**Spejjeż a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**